

Dispożittiv

- 1) Il-punt 17 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 6676 finali, tat-30 ta' Settembru 2010, u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2269, finali, tal-4 ta' April 2011, hija annullata sa fejn il-Kummissjoni kkonstatat il-parteċipazzjoni ta' Traſilerie Meridionali SpA, li kienet Emme Holding SpA, fl-aspett pan-Ewropew tal-ksur inkwistjoni mill-4 ta' Marzu 1997 sad-9 ta' Ottubru 2000, qieset li din il-parteċipazzjoni kienet tikkonċerna l-istrands bi tliet fili mill-4 ta' Marzu 1997 sat-28 ta' Frar 2000, u kkonstatat din il-parteċipazzjoni fil-prattiki antikompetitivi fir-rigward tal-perijodu bejn it-30 ta' Awwissu 2001 u l-10 ta' Ġunju 2002.
- 2) Il-punt 17 tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni C (2010) 4387 finali, kif emendata bid-Deċiżjoni C (2010) 6676 finali u bid-Deċiżjoni C (2011) 2269 finali, huwa annullat.
- 3) L-ammont tal-mulsta imposta fuq Trame huwa ffissat għal EUR 3,2 miljuni.
- 4) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 5) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha fir-rigward tal-Kawża T-422/10.
- 6) Traſilerie Meridionali għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Kawża T-422/10 R.

⁽¹⁾ ĠU C 317, 20.11.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Luuju 2015 – Redaelli Tecna vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-423/10)⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-azzar għall-prestressing — Iffissar ta’ prezziżiet, qsim tas-suq u skambju ta’ informazzjoni kummerċjali sensittiva — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Terminu raġonevoli”)

(2015/C 302/49)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Redaelli Tecna SpA (Milano, it-Taljan) (rappreżentanti: R. Zaccà, M. Todino, E. Cruellas Sada u S. Patuzzo, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: initialement B. Gencarelli, L. Prete u V. Bottka, sussegwentement V. Bottka, G. Conte u P. Rossi, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament u għall-bidla tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 6676 finali, tat-30 ta' Settembru 2010, u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2269, finali, tal-4 ta' April 2011

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) Redaelli Tecna SpA għandha tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 317, 20.11.2010.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-15 ta' Lulju 2015 – HIT Groep vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-436/10) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-azzar għall-prestressing — Iffissar ta’ prezzi jiet, qsim tas-suq u skambju ta’ informazzjoni kummerċjali sensittiva — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Regoli dwar l-imputabbiltà tal-prattiki antikompetitivi ta’ sussidjarja lill-kumpannija parent tagħha — Preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta’ influwenza determinanti — Terminu raġonevoli”)

(2015/C 302/50)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: HIT Groep (Haarlem, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjalment G. van der Wal, G. Oosterhuis u H. Albers, sussegwentement G. van der Wal u G. Oosterhuis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Van Nuffel, S. Noë u V. Bottka, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4387 finali, tat-30 ta’ Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 6676 finali, tat-30 ta’ Settembru 2010, u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2269, finali, tal-4 ta’ April 2011.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) HIT Groep BV għandha thati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 317, 20.11.2010.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-15 ta' Lulju 2015 – Akzo Nobel u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-485/11) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Swieq Ewropej tal-istabblizzaturi tas-sħana — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Ksur imwettaq minn sussidjarja komuni — Multi — Responsabbiltà in solidum tas-sussidjarja u tal-kumpanniji parent — Preskrizzjoni deċennali għal waħda mill-kumpanniji parent — Deċiżjoni ta’ adozzjoni mill-ġdid — Tnaqqis tal-ammont tal-multa għal waħda mill-kumpanniji parent — Imputazzjoni tal-obbligu ta’ ħlas tal-ammont imnaqqas lis-sussidjarja u lill-kumpannija parent l-oħra — Drittijiet tad-difiża”)

(2015/C 302/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Akzo Nobel NV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi); u Akcros Chemicals Ltd (Warwickshire, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: C. Swaak u R. Wesseling, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment F. Ronkes Agerbeek u J. Bourke, sussegwentement F. Ronkes Agerbeek u P. Van Nuffel, aġenti, assistiti minn J. Holmes, barrister)